# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2008

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IL-ĦAMES SENA** **STUDJI SOĊJALI (OPTION)** **ĦIN: 1h 45min**

**Isem: ____________________________________** **Klassi: ______________**

**Taqsima A**

**<u>Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha. Kull tweġiba m'għandhiex tkun anqas minn 40 kelma.</u>**

Fl-1992, f'Rio de Janeiro, il-Brażil, seħħ l-ewwel *Earth Summit*. Hawnhekk kienu ltaqgħu 152 kap ta' pajjiżi differenti, fejn iddiskutew kif l-iżvilupp fid-dinja jista' jkun sostenibbli. Twaqqfet l-Agenda 21, li kien pjan ta' azzjoni, fejn il-pajjiżi kellhom jaħdmu biex jipproduċu strateġiji nazzjonali għal pajjiżhom dwar żvilupp sostenibbli. Fl-2002 sar *World Summit* ieħor f' Johannesburg, fl-Afrika t'Isfel fejn ġie inforzat l-iżvilupp sostenibbli fil-qasam ekonomiku, soċjali u ambjentali, fuq livelli lokali, nazzjonali u globali.
Il-Miri tal-Millennju li seħħew f'Settembru 2000, jorbtu ħafna mal-iżvilupp sostenibbli .

1. X'tifhem bi 'żvilupp sostenibbli'? Spjega billi tagħti eżempji.

2. X'kienet l-Aġenda 21?

3. X'kienu l-Miri tal-Millennju? Semmi 3 minnhom li jippromwovu żvilupp sostenibbli.

4. Semmi xi eżempji ta' kif qed isseħħ il-protezzjoni ta' l-ambjent fuq bażi lokali.

5. Pajjiżi fejn ma jseħħx żvilupp sostenibbli, speċjalment fl-ibliet tat-Tielet Dinja, huma maħkuma minn ħafna problemi. Semmi xi wħud minn dawn il-problemi.

6. Naraw li f'Malta għandna 54,000 post tajjeb għall-abitazzjoni li huma vojta. Minkejja dan kollu telgħin ħafna appartamenti b'dannu għall-ambjent. X'jista' jsir biex dan ma jibqax iseħħ?

**(6 x 5 = 30 marka)**

**Taqsima B**

**<u>Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha. Kull tweġiba m'għandhiex tkun anqas minn 40 kelma.</u>**

"It-tqassim tal-ġid u r-riżorsi fid-dinja mhumiex imqassmin indaqs".
Jekk inħarsu lejn id-dinja naraw li hemm żewġ estremi: dawk li jgħixu f'ġid kbir u dawk li jgħixu f'faqar estrem. Il-Lussemburgu huwa wieħed mill-pajjiżi l-aktar sinjuri. Skond il-GDP (Gross Domestic Product) kull persuna f'dan il-pajjiż taqla' bejn wieħed u ieħor 40,000 dollaru fis-sena, waqt li fis-Sudan kull persuna taqla' 63 dollaru fis-sena. L-Istati Uniti għandhom l-akbar numru ta' persuni biljunarji. Bill Gates tal-Microsoft Corporation huwa l-aktar persuna sinjura u l-ġid tiegħu jlaħħaq mat-30 biljun dollaru.

Jekk inħarsu lejn il-globu naraw li dawn il-pajjiżi li semmejna jinsabu fil-parti ta' fuq tal-globu, fil-waqt li l-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw jinsabu fil-parti t'isfel tal-globu. Il-Bank Dinji u l-IMF ikunu lesti li jsellfu l-flus lil dawn il-pajjiżi, imma nafu lkoll x'diffikultajiet jinsabu fihom.

1. X'inhuma d-differenzi bejn pajjiżi żviluppati u dawk li għadhom qed jiżviluppaw?

2. Agħti r-raġunijiet għaliex pajjiżi bħas-Sudan u oħrajn jinsabu f'faqar assolut.

3. X'inhu l-'Gross Domestic Product'?

4. X'effetti kellha l-globalizzazzjoni fuq il-pajjiżi tat-Tielet Dinja?

5. Il-kumpaniji transnazzjonali jew multinazzjonali nsibuhom ukoll f'pajjiżi tat-Tielet Dinja. X'effetti ħallew fuq l-ekonomija ta' dawn il-pajjiżi?

6. Xi rwol għandhom il-Bank Dinji u l-IMF fil-qasam finanzjarju dinji u x'effetti qed iħallu fuq il-pajjiżi tat-Tielet Dinja?

**(6 x 5 = 30 marka)**

**Taqsima Ċ**

<u>**Agħżel tnejn minn dawn u ikteb madwar 200 kelma fuq kull wieħed:**</u> **(2 x 20 = 40 marka)**

1. "Tbiddlu ta' taħt fuq ir-rwoli tradizzjonali ta' l-irġiel u n-nisa, tibdil li għandu l-bażi tiegħu fl-edukazzjoni tal-mara f'kull livell u fl-għarfien li l-mara hi intelligenti, kapaċi u effiċjenti daqs ir-raġel u li għandha sehem kbir x'tagħti lill-pajjiż." Taqbel ma' din l-istqarrija? Għaliex?

2. Nitkellmu ħafna dwar integrazzjoni soċjali. Spjega:
   a. Xi tfisser 'integrazzjoni soċjali'?
   b. Xi problemi jiltaqgħu magħhom (i) nies b'diżabilità (ii) refuġjati, biex jintegraw fis-soċjetà?
   ċ. X'qed isir mis-soċjetà biex tgħinhom jintegraw fis-soċjetà?

3. Il-Miri tal-Millennju jimmiraw biex sa l-2015 titnaqqas l-inġustizzja speċjalment fil-pajjiżi tat-Tielet Dinja. Għid x'inhuma dawn il-Miri tal-Millennju u spjega kif l-għanijiet tagħhom jistgħu jintlaħqu?

4. Nisimgħu ħafna dwar 'welfare state' u 'welfare society'? X'tifhem bihom dawn iż-żewġ frażijiet? Kemm l-istat kif ukoll is-soċjetà tista' toffri għajnuna. Spjega kif.

5. X'tifhem b'ekonomija? X'effetti għandhom it-tliet setturi ta' l-ekonomija fuq il-pajjiż?
   Kif tista' l-liberalizzazzjoni tas-suq tgħin lill-ekonomija tal-pajjiż? Spjega billi tagħti eżempji.